

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Marzu 2011

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa

(2011/530/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Memorandum ta' Kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa ("Memorandum ta' Kooperazzjoni") f'konformità mal-mandat adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2009 li jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati.
- (2) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni kien inizjalat miż-żewġ partijiet fis-27 ta' Settembru 2010 matul is-37 Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali f'Montréal.
- (3) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament, sa meta jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa ("Memo-

randum ta' Kooperazzjoni") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Memorandum ta' Kooperazzjoni.

It-test tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Memorandum ta' Kooperazzjoni fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu ⁽¹⁾.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

VÖLNER P.

⁽¹⁾ Id-data tal-iffirmar tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni tiġi ppubblikata f'Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.